StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

## IT-TIELET KLASSI IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem: ____________________________________ Il-Klassi: ______________**

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Qabbel kolonna ma' oħra billi timla n-numri minn 1 sa 10 fil-kolonna l-vojta fin-nofs. Is-sentenza A hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| A. | Kull bniedem li jilħaq l-età tar-raġuni jibda jħoss li xi ħaġa fih tgħidlu jagħmel | | jgħinuni nagħżel dak li hu tajjeb u nitbiegħed minn dak li hu ħażin. |
| 1. | Aħna henjin għaliex lil Ġesù | | bla għadd ta' nies mid-dinja kollha. |
| 2. | Aktar ma nixbhu lil Ġesù, aktar inkunu nistgħu ma nħallu lil ħadd | **A** | dak li hu tajjeb u jaħrab dak li hu ħażin. |
| 3. | Ħbieb tajbin | | jitqaddes Ismek, tiġi Saltnatek! |
| 4. | Missierna li Inti fis-smewwiet, | | nisimgħuh b'widnejna u b'qalbna wkoll. |
| 5. | Aħna għandna nħobbu lil Alla | | kif ukoll jekk mejtin. |
| 6. | Ġesù jurina li ħbiberija bejn il-ħbieb tal-qalb titlob | | u lil xejn ifixkilna milli nagħmlu dak li hu tajjeb u ġust. |
| 7. | Is-sesswalità hija qawwa speċjali li | | fuq ix-xbieha t'Alla u ma tintemmx mal-mewt. |
| 8. | Għandna nitolbu lil Alla għall-ġenituri tagħna u dawk li jieħdu ħsiebna, kemm jekk huma ħajjin | | li jkun hemm komunikazzjoni vera bejniethom. |
| 9. | Il-ħajja tal-bniedem hija mibnija | | u nersqu lejh b'qima, rispett u mħabba. |
| 10. | Fil-ġenna nħossuna ħbieb ma' numru | | Alla tana li twassalna għal ħajja sabiħa u meraviljuża. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B** **(1**

**Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxi t'hawn taħt.**
**L-ewwel sentenza A hija eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| tentazzjonijiet | ħbiberiji | ~~lill-Appostli~~ | tal-Missier | Ġesù | bil-qawwa |
| lill-ġenituri | karattru | ix-xitan | Alla | is-Salvatur | |

A. Ġesù qal **lill-Appostli**: "Kulma tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi."

1. L-intelliġenza, is-sentimenti, il-karattru, u tant talenti li bihom inkunu mżejnin jgħinuna niżviluppaw lilna nfusna fis-sod u nibnu ________________________ li jibqgħu.
2. Alla hu ______________________ u l-Missier tagħna.
3. Ġesù huwa wkoll l-Iben waħdieni ______________________.
4. Irridu nkunu nies ta' ________________________ biżżejjed biex fejn għandna ngħidu iva, ngħidu iva, u fejn għandna ngħidu le, ngħidu le.
5. ________________________ ma jistax jaħmel lill-bniedem jew jixtieqlu xi ġid. Dan għaliex il-bniedem hu maħluq xbieha ta' ________________________ u huwa msejjaħ biex jieħu l-post li x-xitan tilef bis-suppervja tiegħu.
6. San Pawl jgħidilna li t-taqbida tagħna bħala Nsara hi mat-tnassis tax-xitan u l-ispirti l-ħżiena. Għedewwa bħal dawn jistgħu jingħelbu biss ______________________ ta' Alla kif dehret fil-persuna ta' ________________________.
7. Il-qaddisin saru qaddisin mhux għax ma kellhomx ________________________ iżda għax għarfu jegħlbuhom.
8. Lil min jirrispetta ________________________ tiegħu jew lil dawk li jieħdu ħsiebu, Alla wiegħdu għomor twil u bħal qisu qiegħed jiġma' f'teżor.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C** **(1**

**Aqra sew dan li ġej u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.**



Grupp ta' tfajliet u ġuvintur kienu jiltaqgħu għal-laqgħa tagħhom ta' kull nhar ta' Ġimgħa mal-kappillan tal-parroċċa tagħhom. Fl-aħħar laqgħa, il-kappillan xtaq ikellimhom fuq kif għandhom jgħixu ta' Nsara, anke meta jkunu weħidhom. Beda billi wriehom *videoclip* taż-żjara tal-Papa f'Madrid is-sajf li għadda għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ.

F'waħda mil-laqgħat li l-Papa kellu, wieħed żagħżugħ li qiegħed jipprepara biex isir saċerdot, qal lill-Papa li hu dejjem jixtieq li jħobb 'l Alla b'qalbu kollu, imma jsib tfixkil biex ikun xhieda ta' Kristu f'dinja li ma tagħtix importanza lil Alla. Qallu biex jitlob għaż-żgħażagħ ħalli jibqgħu jħobbu lil Kristu, u jirnexxilhom jegħlbu t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu.

Il-Papa għamlilhom ħafna kuraġġ liż-żgħażagħ biex ma jaqtgħux qalbhom għaliex illum ukoll, avolja huwa diffiċli, xorta huwa possibbli li jgħixu skont ma għallem u għamel Kristu fil-Vanġelu. Il-kappillan kompla diskussjoni sħiħa maż-żgħażagħ fuq dan is-suġġett.

1. **Wieġeb billi taqta' sinjal taħt it-tajba:**

   Għaliex li hu importanti li żgħażagħ bħalek jitgħallmu fuq Alla?

   a. Biex ikollhom xogħol b'paga tajba.
   b. Biex jimxu fit-triq it-tajba.
   c. Biex jgħaddu mill-eżamijiet. *(marka)*

2. Semmi **tnejn mit-tentazzjonijiet** li Ġesù kellu fid-deżert.

   a. ______________________________

   b. ______________________________ *(4 marki)*

3. Minn fejn jiġu t-tentazzjonijiet?

   a. ______________________________

   b. ______________________________

   c. ______________________________ *(3 marki)*

4. Kif tippreżenta lilha nnifisha t-tentazzjoni?

   ______________________________

   ______________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **(12**

**Aqra sew is-silta t'hawn taħt, meħuda mill-Vanġelu, u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Minn dakinhar Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum.[21]

Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!"[22]

Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int!"[23]

Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja.[24]

Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha.[25]

Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Jew xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?[26]

Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien mal-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed skont ma wieħed ikun għamel.[27]

***(Mattew 16, 21- 27)***

a. Għaliex kien hemm bżonn li Ġesù jmur Ġerusalemm?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

b. Għaliex San Pietru bl-ebda mod ma ried li Ġesù jsofri u jmut?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

c. Għaliex Ġesù ra lil Pietru bħala tfixkil?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

d. Għaliex taħseb li Ġesù ħass il-bżonn li jkollu d-dixxipli miegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

e. Int, bħala Nisrani/ja, kif tista' timxi wara Ġesù?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

f. X'tgħallem il-Knisja dwar il-Ġenna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima E** **(16-il marka)**

**Wieġeb :**

1. X'insibu fil-Vanġeli?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

2. Liema hu l-ewwel Kmandament?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

3. Semmi **żewġ allat** li l-bniedem ipoġġihom fl-ewwel post f'ħajtu flok Alla.

a. ______________________________________________________________________

b. ______________________________________________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Semmi **żewġ ġrajjiet** meta Ġesù wera l-imħabba tiegħu lejn dawk li ltaqa' magħhom.

a. ______________________________

b. ______________________________ *(2 marki)*

5. Ikteb **żewġ versi** mit-Talba ta' San Franġisk.

a. ______________________________

b. ______________________________ *(2 marki)*

6. X'ikun qiegħed jagħmel min jidgħi?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

7. Kif taħseb li għandek iġġib ruħek ma' ħbiebek bħala veru Nisrani/ja?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

8. 'Is-sesswalità tiegħi hi don li tani Alla'. Kif taħseb li tista' tesprimi s-sesswalità tiegħek bħala Nisrani/ja?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

**Taqsima F:** **(12-il marka)**

**Ikteb żewġ sentenzi dwar kull wieħed minn dawn il-personaġġi:**

1. Mosè

a. ______________________________

b. ______________________________ *(4 marki)*

2. David

a. ______________________________

b. ______________________________ *(4 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. San Franġisk t'Assisi

a. ____________________________________________

b. ____________________________________________ *(4 marki)*



**Taqsima G** **(2 x 15-il marka = 30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u ikteb madwar 70 kelma fuq kull wieħed mis-suġġetti li tagħżel. Għandek xi kliem biex jgħinuk.**

1. **Bħala Nsara, aħna fid-dmir li niffurmaw kuxjenza tajba. Fisser x'tista' tagħmel biex tifforma l-kuxjenza tiegħek b'mod tajjeb.**
   (it-tagħlim ta' Ġesù - eżami kuljum - parir - id-dawl tal-Ispirtu s-Santu)

2. **Hu tajjeb li jkollna ħbieb tajbin biex nibqgħu ngħixu ħajja tajba kif iridna Ġesù. Inti kif għandek tagħżel il-ħbieb tiegħek biex tibqa' tgħix kif iridek Ġesù?**
   (drawwiet tajbin – vizzji – kliem xieraq – bil-għaqal - għemejjel tajba)

3. **Alla jridna nitkellmu miegħu bħala wliedu. Kif u meta għandek titkellem ma' Alla fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?**
   (ħin kuljum – skiet – meta nqum – qabel norqod – niftakar spiss f'Alla)

4. **Fir-raba' Kmandament Alla jitlobna biex nagħtu ġieħ lil min jieħu ħsiebna. Kif tista' turi rispett u mħabba lejn min jieħu ħsiebek?**
   (ngħinhom – niddjaloga magħhom – nitlob għalihom)

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers